Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 50**

**Data:** It-Tlieta, 14 ta' Settembru 2021
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Amministrattiva Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali / Online fuq Microsoft Teams

**Preżenti fil-Binja Amministrattiva**:
Is-Sur Mario Fava – President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru
Perit Graziella Galea – Membru

**Attendew online:**
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru

**Mistiedna:**

Surġent Mark Cremona (Community Policing)
Surġent Gabria Gatt (Community Policing)

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**50.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.49**

50.1.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

50.1.2 Fuq proposta ta-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia u s-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**50.2 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa Nu. 49**

| | |
|---|---|
| **50.2.1 Green Walll, Green Roof u Sistema ta' Irrigazzjoni** | Il-President semma li kien hemm komunikazzjoni mal-kuntrattur li ġie fit-tieni post. Semma li kienet ser issir laqgħa fil-jiem li ġejjin sabiex jiġi stabbilit meta kien ser jinbeda x-xogħol. Min-naħa l-oħra semma li l-kuntrattur atwali kien bagħat id-dikjarazzjoni ffirmata li ser jinħall mill-kuntratt. |
| **50.2.2 Group Life Policy** | Il-President semma li l-emenda kienet għaddiet mill-kabinett. Għaldaqstant, l-AKL kienet ser tkompli tiġbor l-ismijiet ta' Membri Eletti li jridu jissieħbu f' din il-polza. |
| **50.2.3 Fun Run tal-President** | Il-President semma li wara l-aħħar laqgħa l-AKL flimkien mar-Reġjuni ġabru lista ta' Kunsilli Lokali li riedu jipparteċipaw u r-rotot proposti. Il-President semma li kien hemm Segretarji eżekuttivi ta' Reġjuni partikulari li baqgħu jkaxkru saqajhom sal-aħħar sabiex din l-informazzjoni tiġi miġbura. Saħansitra l-AKL kellha tassisti fil-proċess tal-ġbir ta' din l-informazzjoni. Huwa qal li jippretendi li kull Kusnill Lokali jippartecipa ghaliex din hija l-ewwel Presidenza li uriet interess profonde fix-xoghol tal-Kunsilli Lokali u Regjonali. |
| **50.2.4 Tnedija tad-dokument tal-Infrastruttura tal-EVs** | Il-President semma li wara t-tnedija li kienet saret fil-jum ta' qabel, jidher li kien hemm rispons tajjeb anki mill-ġurnali kif ukoll minn nies esperti fil-qasam. Semma li l-AKL ser tkun qed tkompli tiffinalizza l-erba' dokumenti l-oħra fuq mobilita' sotenibbli sabiex sal-aħħar tas-sena tkun ippubblikathom ukoll. Is-Sur Michael Fenech Adami semma li l-AKL għandha tieħu l-opportunita' u tagħmel kampanja anki fuq il-mezzi tal-media soċjali. |

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **50.2.5 Manutenzjoni tal-faċċata ta' barra tal-Binja Amministrattiva AKL** | Il-President semma li wara li l-INDIS kienu bagħtu lill-Periti tagħhom, l-AKL irċeviet rapport ta' ħidma li trid issir u li l-INDIS kienu ser ikopru l-ispejjeż għal din it-tiswijja. Il-President semma li kien talab lill-kuntrattur sabiex tinagħta wkoll stima sabiex jiġi msaqqaf il-kurutur ta' barra. |
| **50.2.6 Laqgħat one-to-one mas-Sindki u Kunsilliera** | Il-President semma li tkomplew il-laqgħat one-to-one mas-Sindki u Kunsilliera kemm ġewwa Għawdex kif ukoll Malta. |
| **50.2.7 Sejħa għall-AEDs** | Il-President semma li s-sejħa kienet ġiet miktuba. Semma li kien hemm laqgħa anki ma' infermier li jaħdem fil-qasam tal-AEDs sabiex issir dimonstrazzjoni ta' kif jaħdem l-AED u x' inhuma r-rekwiżiti li għandhom jiġu mitluba. Il-President semma li għandu jkun hemm commitment mir-Reġjuni li ser ikunu qed jagħmel użu minn din is-sejħa. |
| **50.2.8 Mandat AKL** | Il-President semma li l-Ħadd, 12 ta' Settembru 2021 ippublikaw legal notice tal-life policy, tal-bidu tas-Sitt Reġjun u l-mandat tal-AKL. Semma li bħala AKL dejjem kienu konsistenti f' dak li qalu, li il-leġislatura tal-AKL għandha tkun ta' ħames mhux erba' snin, bħalma huma l-Kunsilli Lokali. Is-Sur Fenech Adami semma li ħin għal din l-emenda sar apposta. Semma li min ser jiġi elett fl-Elezzjoni tal-AKL 2021 issa ser jagħmel 8 snin b' timing perfett li l-Gvern ser ikollu maġġoranza ta' 5 Reġjuni sa 2029. Semma li waqt dan il-perjodu ser ikun hemm żewġ Elezzjonijiet Ġenerali, żewġ Elezzjonijiet tal-MEPs u żewġ Elezzjonijiet tal-Kunsilli.<br>Is-Sur Fenech Adami sostna li kellu jitwal il-mandat ta' 2017 b' sentejn sa 2024 u mhux jitwal il-mandat ta' 2021. Il-President semma li din kienet l-ewwel talba li preżentant l-AKL snin ilu u li qatt ma ntleqgħet.<br>Dr. Azzopardi semma li meta waqt l-laqgħa mal-Onor Jose Herrera tqajjem dan il-punt, li jitwal il-mandat eżistenti, il-Ministru ma kellux problema li jagħmel dan sakemm ikun hemm qbil dwar dan anki mill-Oppożizzjoni. Semma li l-AKL kienet kontra li jiġi imnaqqas il-mandat tal-AKL sabiex l-Elezzjoni tal-AKL tiġi mal-Elezzjoni tal-Kunsilli Lokali u semma li anki fi żmien l-Onor Silvio Parnis kienet tqajjem dan il-punt hu huwa stess kien informa lill-Onor.Silvio Parnis li kien ser iressaq din il-kwistjoni quddiem CoR u CoE. Dr. Azzaoprdi tkellem bħala Minority Leader, li internament, is-Sur Charles |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

Bonello qal li ma jaqbilx li jiġi estiż il-mandat tal-Leġislatura kurrenti.

Is-Sur Fava semma li lanqas l-Onor.Karl Gouder ma aċċetta li l-mandat kurrenti jitwal. Is-Sur Aquilina, ikkonferma dak li beda jgħid is-Sur Fava.

Dr. Azzopardi semma li l-Onor. Karl Gouder għandu jibagħt kjarifika fuq letterhead tal-Partit. Dan wara li l-Perit Graziella Galea qalet li l-Onor. Karl Gouder ma kienx qed jaqbel ma dak li sar waqt li kienet qed tikkomunika mieghu b' sms waqt l-istess laqgha.

Il-President qal li dwar it-talbiet tal-AKL dejjem kien hemm qbil unanimu u jiskanta kif issa hemm min qed jghid xort' ohra. Huwa qal li l-uniku mod kif seta jsir dak li dejjem riedu u cioe; li l-Elezzjoni tal-Assocjazzjoni tigi dejjem f' Ottubru tal-istess sena ta' meta jkunu saru tal-Kunsilli Lokali, hija billi jsir dak li sar. Altrimenti ried bilfors jitnaqqas il-mandat.

Is-Sur Anthony Mifsud u is-Sur Mark Grech daħlu għal-laqgħa 18:02.

Dr. Azzaoprdi semma li l-mandat preżenti (dakli se jintemm ftit gimghat ohra) żgur ma jistax jiġi estiż f' dan il-punt peress li l-Kummissjoni Elettorali diġa ħabret li ser issir Elezzjoni tal-AKL.

Dr. Azzopardi kkonferma mas-Sur Anthony Mifsud li huwa wkoll kien preżenti għal din il-laqgħa mal-Ministru li l-Ministru Herrera ma kienx issib oġġezzjoni li jtawwal il-mandat eżistenti jekk l-Oppożizzjoni ma jkolliex oġġezzjoni.

**50.2.9 Tnedija tal-Kors Livell 5 Public Management & Governance**

Il-President semma li fis-16 ta' Settembru 2021 kien ser ikun hemm it-tnedija tal-kors fuq livell 5. Semma li bħas-snin preċedenti l-AKL kienet ser toffri sussidju lill-parteċipanti mill-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali ta' 7.5 %. Dan kien ser ikun mogħti wkoll lill-studenti li jagħmlu Livell 7 fl-Immaniġjar u l-Governanza.

**50.2.10** Il-President, fis-18:09 talab sospensjoni tal-Aġenda sabiex ikunu jistgħu jidħlu għal-laqgħa rappreżentanti tal-Community Policing. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv qabel mal-proposta tal-President.

## 50.3 Community Policing

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

50.3.1 Il-President stieden lis-Surġent Mark Cremona u lis-Surġent Gabria Gatt sabiex jagħmlu l-preżentazzjoni lill-Eżekuttiv.

50.3.2 Preżentazzjoni annessa mal-Minuti u mmarkata Dok A.

50.3.3 Is-Surġent Gatt spjegat kif kull xhar il-Community Plocing iżommu laqgħa mal-Kunsill Lokali sabiex jaraw fejn ikun hemm bżonn li wieħed jenfasizza waqt rondi fil-lokal. Semmiet kif ukoll ħafna drabi l-Community Police ikollhom bżonn l-assistenza tal-Kunsill Lokali rispettiv sabiex joperaw u jkunu effettivi. Semmiet kif il-pubbliku qed jinagħta mobile numbers ta' pulizija responsabbli mill-akwati kif ukoll qed isiru numru ta' laqgħat mar-residenti. Semmiet ukoll li fuq bażi Reġjonali għandhom jinħolqu safety groups sabiex anki lokal jitgħallem min-ieħor kif wieħed jista' jsolvi jew jitratta problema.

50.3.4 Dr. Azzopardi laqa' l-aħbar li Għawdex ser ikollu żewġ surġenti u għaxar Pulizija bħal parti mit-tim tal-Community Policing.

50.3.5 Is-Sur Fenech Adami semma li iż-żona tas-Swieqi, il-Community Policing qed jaħdem ħafna.

50.3.6 Is-Surġent preżenti rrimarka li mkejja l-bżonn tal-Community Policing huwa ferm importanti ġewwa San Ġiljan, żied li mhux qed ikun hemm kooperazzjoni mill-Kunsill Lokali sabiex dan ikun effettiv.

50.3.7 Il-President semma li hemm bżonn li jkun hemm koordinazzjoni mal-MTA, L-Awtorita' tal-Ippjanar u anki l-Awtorita' tal-Artijiet sabiex ikun hemm aktra koordinament u infurzar fuq stabbilimenti kummerċjali u dawk tal-ikel. Semma kif għall-Kunsilli Lokali kienet impossibbli li jkun hemm akwist ta' informazzjoni fuq amministraturi tal-blokok kif ukoll ġbir ta' skart ta' stabbilimenti kummerċjali.

50.3.8 Is-Sur Mifsud semma li Reġjun Tramuntana jagħmel laqgħat ma' gruppi etniċi fir-Reġjun. Is-Surġent talab li jkun importanti li l-Community Policing ikunu mistiedna għal dawn il-laqgħat ukoll.

50.3.9 Is-Surġent semmiet li Community Policing mhumiex estensjoni tal-Pulizija ġewwa l-għassa.

50..3.10 Il-President semma li l-AKL għaddiet il-kompożizzjoni tar-Reġjuni l-ġodda lill-Community Policing minħabba l-possibilita' li d-Distretti tal-Pulizija jkunu jirriflettu r-Reġjuni.

**50.4 Komunikazzjoni mill-President**

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **50.4.1 CPD – Risk assessment** | Il-President semma li l-AKL għaddejja f' laqgħat kontinwi ma' CPD. Semma li l-iskop ta' dawn il-laqgħat sabiex jibda proġett pilota fil-lokalitajiet sabiex issir risk assessment tal-perikli li jista' jkun hemm, żoni problematiċi u li qegħdin f' riskju kif ukoll nies vulnerabbli. Il-President talab lill-Presidenti Reġjonali sabiex jipproponu lokalita' minn kull Reġjun sabiex possibilment ikunu parti minn dan il-proġett pilota. |
| **50.4.2 Interactive Screen** | Il-President semma li l-AKL għandha bżonn tinvesti if' interactive screen għall-klassi li saret fl-ewwel sular tal-binja. Il-President semma li ser tkun qed toħroġ sejħa għal dan is-servizz. |
| **50.4.3 Ħlasijiet mitluba mil-LESA għall-servizz ta' infurzar.** | Il- President semma għaddejja korrispondenza mal-LESA kif ukoll mas-Segretarji Permanenti ta' żewġ Ministeri minħabba li LESA qed titlob tariffi wisq għoljin għall-infurzar li qed jitlob il-Kunsill Lokali u liema infurzar joħroġ mil-liġi li huwa responsabbilita' tal-LESA. |
| **50.4.4 President's Fun Run** | Il-President semma li r-Reġjuni bl-għajnuna tal-AKL ġabru r-rottot mill-Kunsilli Lokali li huma interessati li jieħdu sehem. |
| **50.4.5 Laqgħa Ġenerali UDITE** | Il-President semma li l-AKL irċeviet stedina mill-ANSEK sabiex tattendi għal-laqgħa tal-UDITE ġewwa Metz. Il-President semma li qed jinġabru kwotazzjonijiet għat-titjiriet sabiex ikun hemm rappreżentanza mill-AKL. |
| **50.4.6 Programm fuq TVM** | Il-President semma li wara laqgħat li kien hemm mas-Sur Keith Demicoli rigward attivitajiet tal-AKL u nibtet l-idea li l-AKL taħdem fuq produzzjoni televiżiva fuq l-istazzjon nazzjonali sabiex twassal il-ħidma tal-Kunsilli Lokali. Il-President semma li ser ikompli jiżviluppa din l-idea u jkun jista' jagħti aktar informazzjoni fil-ġimgħat li ġejjin. |
| **50.4.7 Resident First Website** | Il-President semma li l-AKL qed taħdem fuq din il-website. Semma li din għandha tkun ippubblikata sa l-aħħar t' Ottubru 2021. Semma li l-iskop ta' din is-sit huwa li l-linji gwida li l-AKL qed tippubblika joħorġu forma ta' gazzetta. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**50.4.8 Rotta tal-Feniċi**

Il-President semma li kien hemm laqgħa bejn l-AKL u l-Aġenzija InziaMed li qed jaħdem fuq il-proġett bl-isem, ir-Rotta tal-Feniċi. Il-President semma li kien ser jagħddi d-dettalji lir-Reġjuni sabiex tiġi diskussa fuq bażi Reġjonali u jiddeċiedu jekk il-Kunsilli jridux ikunu parti minn dan il-proġett. Fil-każ li jkun hemm il-ħsieb li l-Kunsilli jissieħbu, il-President propona li l-membership fee tinqasam bejn ir-Reġjuni u l-AKL.

**50.4.9 Teleworking**

Il-President semma li s-Segretarju Eżekuttiv irċiviet rikjesta minn waħda mill-impjegati sabiex din tingħata l-opportunita' li tagħmel teleworking sa massimu ta' darbtejn fil-ġimgħa minħabba ċirkustanzi li m' għandiex kontroll fuqhom.
Il-President ressaq it-talba għall-approvazzjoni tal-Eżekuttiv. Filwaqt li l-Eżekuttiv talbu lill-President jara ċ-ċirkustanzi tal-AKL anki fid-dawl li f' laqgħat preċedenti kien approvat li jibda l-proċess ta' ingaġġ ta' ħaddiem ieħor. Il-President semma li jkun diffiċli li l-AKL topera jekk minn tlieta mill-impjegati xi ħadd ikun bil-leave u xi ħadd ikun teleworking. Ser jifdal biss impjegat wieħed li jkun irrid ileħħaq max-xogħol tal-uffiċju bħala tħejjija tal-laqgħat li jkunu ser isiru fil-ġurnata u affarjiet oħra li jirrikjedu li wieħed ikun l-uffiċju biex isiru.
Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv qabel li l-impjegata tingħata ġurnata teleworking liema ġurnata għandu jkun hemm qbil fuqha mal-kumplament tal-ħaddiema sabiex jikkordinaw il-leave tagħhom ukoll. Qablu wkoll li għandu jkun hemm policy fis-seħħ sabiex tirregola dan kollu. Semmew ukoll li din id-deċiżjoni għandha tkun reveduta kull tliet xhur sabiex wieħed jevalwa l-ħtiġijiet tal-impjegata u anki tal-AKL.

**50.4.10 L-Onorarja tas-Sindki**

Il-President semma li kienu għaddejin laqgħat fuq il-ħals ta' taxxa u NI fuq l-onorarja ta' Sindki li ma jkollhomx xogħol ieħor full-time.

**50.4.11 CSR**

Il-President semma li hekk kif kien diskuss fil-laqgħa preċedenti, ir-Reġjuni huma mistiedna jipproponu organizazzjoni fir-Reġjun li jixtiequ jinnominawha għal din l-attivita'.

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**50.6 Affarjiet oħra**

50.6.1 Il-President semma li qed ikun hemm kwistjonijiet bejn il-Pulizija u l-Kunsilli Lokali minħabba n-nuqqas ta' riżorsi li forsi hemm sabiex jingħalqu t-toroq fil-ħin tal-ftuħ u l-għeluq tal-iskejjel.
Dr. Azzaoprdi semma li forsi għandu jkun hemm bħal nies voluntiera li jkunu jistgħu jaraw li t-toroq ta' quddiem l-sikola jkunu siguri.
Il-President semma li l-iskejjel għandhom jidħlu f' konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali sabiex tinstab l-aħjar soluzzjoni possibbli.

50.6.2 Il-President semma li kellu wkoll laqgħa ma' wieħed mill-avukati ta' kumpanija li qed tati servizz tal-e-scooters f' Malta sabiex possibbilment jitresqu proposti sabiex tinstab pożizzjoni komunija sabiex titressaq proposta lil TM sabiex temedna il-policy li tirregola l-E Scooters.

50.6.3 Chev. Paul Farrugia staqsa fuq l-MoU tal-Public Works li l-AKL iffirmat għalih u li għadu ma ħareġ xejn fuq il-media soċjali minkejja li kien hemm it-tnedija. Il-President semma li mill-Ministeru tal-Gvern Lokali inagħtaw struzzjonijiet bid-data ta' meta għandu jitella' materjal fuq il-media soċjali li jikkonċerna is-suġġett.

50.6.4 Is-Sur Fenech Adami semma li jinstab urtat ta' kif qed jitmexxa l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u li kemm-il darba s-Segretarju Eżekuttiv ta' l-istess Kunsill jimplika li l-istess Sur Fenech Adami għamel dejn b' direct orders li ta lil ċerti kuntratturi. Semma li minkejja d-dejn li jinstab fih il-Kunsill xorta qed jintefqgħu flus kbar bħal rinovar tal-uffiċini amministrattivi, xiri ta' sitt karozzi għall-uffiċju kif ukoll sponsorship ta' korsijiet lill-ħaddiema.
Chev. Paul Farrugia semma li ser ikun qed jikteb uffiċjalment lid-Diviżjoni u anki lill-AKL ħalli jara kif Kunsilli oħrajn li qegħdin f' deficit bħalma huwa l-Kunsill Lokali tal-Kalkara, li minkejja qed jaħdem bil-għaqal m'huwa qed jitħalla jagħmel xejn u lanqas jidħol fi proġetti, mentri Kunsilli li qegħdin f' dejn ikbar qed jitħallew jagħmlu li jridu.

**50.7 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 49**

50.7.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Dr. Samuel Azzopardi u Chev. Paul Farrugia ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-31 t' Awwissu 2021 u l-14 ta' Settembru 2021 li kienet tammonta għall-€31,882.14.

**50.7 Aġġornament**

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

50.7.1 Il-Laqgħa aġġornat fit-tmienja u kwart ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' il-Ħamis, 28 t' Ottubru 2021 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.51 li nżammet nhar il-Ħamis, 28 t' Ottubru 2021 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**